# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# INFERJURI

MAGISTRAT:
DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13, ta' Frar 2001**

Avviz numru 91/1998G2

Maltacom p.l.c.

-vs-

Angelo Cefai

Il-Qorti;

Rat l-avviz ipprezentat fl-10 ta' Settembru 1998 fejn is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut ihallasha s-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm271.86) ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 562120 liema servizz gie installat fil-fond Flat 8, Tal-Kappillan, Bishop Cocco Palmeri Street, Nadur, skond kopja tas-service agreement anness Dok a.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 1998, it-taxxa ETS fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut, minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal taghha tat-23 ta' Jannar 2001 fejn deher Joseph Debrincat in rapprezentanza tas-socjeta' attrici assistit minn Dr Grazio Mercieca u Dr Michael Grech ghall-konvenut u l-partijiet iddikjaraw illi s-sorte gie saldat b'dan li s-socjeta' attrici ma kienx fadlilha aktar pretensjonijiet dwar is-sorte u intalab li l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Stante li mill-atti processwali jirrizulta li s-sorte thallas fil-mori tal-kawza qeghdha tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kif mitluba fl-avviz promotorju.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur